MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 544/2010

**Il-Pulizija
(Spt. Anna Marie Micallef)
Vs
Dean Camilleri
Karl Galea
Steven Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati [Dean Camilleri ID no. 164380(M), Karl Galea ID no. 488081(M) u Steven Camilleri ID no. 353487(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-28 ta' Awwissu, 2010, ghall-habta tas-sebgha w kwart ta' filghaxija (19:15 hrs), gewwa l-Pixxina Nazzjonali tal-Qroqq, Msida

1. Heddew lil xi persuna ohra b'gebel jew xi oggett iehor jew tefghu xi gebla jew oggett iehor fuq il-post fejn ikun qed isir il-loghob jew fuq xi parti ohra tal-ground ta' l-

isports (Pixxina Nazzjonali), jew li, filwaqt li kienu diehla fi ground ta' l-Isports, filwaqt li kienu qeghda hemmhekk jew kienu hierga minn hemm kellhom fuqhom xi arma jew xort'ohra gabu ruhhom b'mod li setgha nkiser il-bon ordni;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt illi kienu qeghdin fi ground ta' l-isports, uzaw kliem offensiv u/jew gabu ruhhom abbuzivament;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qalu kliem indecenti u/jew oxxen fil-pubbliku;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-paci pubblika w il-bon ordni b'ghajjat u glied;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlu lil haddiehor ingurja jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-kodici jew jekk kienu ipprovokati, ingurjaw b'mod li hargu barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor indahlu fid-dmirijiet taghhom;
7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebbew kontra persuni sabiex jingurjawhom, idejquhom jew jaghmlu hsara kontra l-istess persuni jew lil haddiehor.

Lil Dean Camilleri wahdu :
Akkuzat bi ksur tal-probation a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberatu bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu u ghalhekk talli sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti tal-magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Dicembru, 2010, li biha, peress li l-akkuzi kif dedotti ma rrizultawx pruvati sal grad rikjest mill-ligi, illiberat lill-appellati mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok illi ssib lill-appellati hatja tal-

imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tinfliggi fuqhom il-piena w l-konsegwenzi idoneji kollha skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. L-imputazzjonijiet li permezz taghhom l-appellati gew mixlija huma principalment ta' natura kontravvenzjonali u li gew sottomessi ghall-gudizzju tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

2. Fis-sentenza taghha dil il-Qorti helset lill-appellati mill-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom wara li qalet testwalment : *"Peress li l-akkuzi kif dedotti ma jirrizultawx pruvati sal-grad rikjest mil-Ligi, tillibera lill-imputati mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom".*

3. Jirrizulta ampjament minn din is-sentenza li l-Qorti tal-magistrati (Malta) ma kkunsidrat xejn dwar kif u kome u r-ragunijiet li wasluha tikkonkludi li l-akkuzi kif dedotti ma jirrizultawx sal-grad rikjest mill-Ligi.

4. Fl-umli fehma tal-esponent, meta wiehed jezamina sewwa sew il-provi mressqa f'dan il-kaz, inkluz l-istqarrijiet tal-partijiet u r-ritratti esebiti, huwa ferm difficli li wiehed jikkonkludi, anke fid-dawl tal-istqarrijiet in gran parti konfessorji maghmula, li l-prosekuzzjoni ma pruvatx l-imputazzjonijiet sal grad rikjest mil-Ligi.

5. Il-provi prodotti kienu cari u jippuntaw lejn il-htija tal-appellati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan huwa l-grad ta' prova legalment rikjest mill-prosekuzzjoni li tilhaq fi proceduri penali sabiex tissawwar u tinstab htija. F'dan il-każ, fejn ghandek prattikament ammissjoni mit-tliet imputati fl-istqarrijiet tagħhom dwar l-involviment tagħhom fir-reati de quo, magħquda mal-evidenza viziva tar-ritratti esebiti, jikkonfermaw li, bid-dovut rigward, il-

Qorti tal-Magistrati (Malta) interpretat żbaljatament dan il-principju tal-grad tal-prova rikjesta mil-prosekuzzjoni. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-dawl tal-provi imresqa, l-istqarrijiet u l-konfessjonijiet maghmula w ir-ritratti esebiti, kellha quddiemha c-certezza li fil-fatt dawn ir-reati ipotizzati gew imwetqa mill-imputati skond l-imputazzjonijiet migjuba (u mhux biss provi li jsawru konviciment morali.

6. Il-prosekuzzjoni pero` ma kinitx (u mhix) tenuta li tipprova l-kaz taghha b'certezza assoluta (kif donnha pretendiet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) in konsegwenza ghad-decizjoni taghha). Il-prosekuzzjoni kellha biss l-oneru li tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Biss fl-umli fehma tal-esponent, minn qari tal-provi prodotti, fl-umli fehma tal-esponent, dan id-dubju f'dan il-kaz ma seta' qatt jezisti minhabba l-kwalita` w in-natura cara tal-provi prodotti. B'hekk meta l-Qorti tal-Magistrati (Malta), fis-sentenza taghha stqarret li "*peress li l-akkuzi kif dedotti ma jirrizultawx pruvati sal-grad rikjest mil-Ligi",* hemmhekk hija kienet qeghda tapplika, tinterpreta **w tenuncja principju legali fis-sens li l-akkuzi ma gewx pruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.** X'inhu dal-grad? Il-grad tac-certezza morali. Izda dan it-test, kieku kien legalment adoperat u implimentat ghal dan il-kaz minn dik l-Onorabbli Qorti, ma seta' qatt, legalment u ragjonevolment, jissarraf f'liberatorja – hlief biss fil-kaz fejn dik l-Onorabbli Qorti tkun uzat il-kejl legali zbaljat – u cioe` li tinterpreta l-principju legali tal-grad tal-prova b'mod zbaljat.

7. Bid-dovut rispett l-esponent jidhirlu li meta tghaqqad il-provi prodotti mal-konkluzjoni milhuqa mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) jirrizulta li din illiberat lill-imputati biss minhabba li adoperat it-test legali tal-oneru probatorju bil-mod zbaljat u fil-mizura zbaljata w dan kif mistqarr minnha fis-sentenza stess. Fis-sentenza taghha dik il-Qorti applikat it-test aktar rigoruz tac-certezza assoluta w mhux dak tac-certezza morali, ossija l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju, dettat biss u esklussivament, mir-raguni.

8. Apparti minn hekk dik l-Onorabbli Qorti ma dahlet fl-ebda konsiderazzjoni dwar l-elementi kostitutivi tar-reati imputati f'dan il-kaz, jew ta' kif u r-raguni ghaliex nonche l-kriterji ghaliex dawk il-provi cari prodotti ma jwaslux sal-grad rikjest mil-Ligi kif mistqarr fis-sentenza. Ma hemm ebda indikazzjoni ta' kif dik l-Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzjoni legali taghha fl-applikazzjoni, interpretazzjoni u enuncjazzjoni tal-ipotezi tal-Ligi relattiva. Anzi, skond dak li inghad minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha tal-15 t'Ottubru, 2010 in re "Il-Pulizija vs Edward Cassar" – (per Onorevoli Imhallef Michael Mallia), din l-Onorabbli Qorti (u l-Avukat Generali qabilha) *"m'ghandix il-konfort tal-hsieb tal-Ewwel Qorti li wassluha ghal-liberatorja tal-imputat u ghalhekk ma tistax tghid hekk dawn il-hsibijiet kinux legalment korretti jew le. Peress illi f'Awla ta' Qorti huma l-provi li jiddeterminaw htija o meno jkun perikoluz li jigi priv dritt ta' doppju ezami fuq assunsjoni li l-Ewwel Qorti ikkunsidrat l-aspett legali tal-kawza b'mod korrett. Din il-Qorti ma tista' tassumi xejn, la naha w lanqas l-ohra. Huwa skanz ta' periklu ta' xi "travesty of justice" ikun aktar ekwu li l-bilanc jaqa favur rikonsiderazzjoni tal-kawza biex b'hekk jigu assigurati d-drittijiet ta' kulhadd involut".*

Fl-udjenza tal-20 ta' Ġunju, 2011, l-avukati difensuri Dr.Joseph Giglio u Dr George Hyzler għall-appellati eċċipixxew fl-ewwel lok illi s-eentenza appelalta ma tagħtix dritt ta' appell lill-Avukat Ġenerali u għalhekk qed jeċċepixxu l-inappellabilita' tas-sentenza mogħtija.'

Għalhekk il-Qorti ser tistħarreġ din l-eċċezzjoni.

L-ewwelnett s-seba' imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati[1] kienu ta' natura konvenzjonali jew li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati. Għalhekk japplika l-artikolu 413 (1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

X'qalet l-Ewwel oNorabbli Qorti fis-sentenza tagħha:

[1] Fil-każ ta' Dean Camilleri kien hemm imputazzjoni 'konsegwenzjali' – jiġifieri applikabbli biss jekk jinstab ħati taħt l-imputazzjonijiet jew xi imputazzjoni minn dawk dedotti kontrih – ta' ksur tal-artikolu 22 tal-Kap 446.

***‘Semgħet il-provi.***

***Peress li l-akkużi kif dedotti ma jirriżultawx sal-grad rikjest mil-Liġi, tillibera lill-imputati mill-akkużi kollha miġjuba fil-konfronti tagħhom.’***

L-Avukat Ġenerali jissottometti hekk:

‘3.Jirriżulta ampjament minn din is-sentenza li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kkunsidrat xejn dwar kif u kome u r-raġunijiet li wassluha tikkonkludi li l-akkużi kif dedotti ma jirriżultawx sal-grad rikjest mil-Liġi.’

Bir-rispett kollu, kif diġa’ ntqal minn din l-istess Qorti diversament komposta, l-artikolu 382 tal-Kap 9 imkien ma jgħid li l-Qorti trid tniżżel ir-raġunijiet kif waslet għad-deċiżjoni tagħha. Għaldaqstant ma hemm xejn ħażin fil-forma tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

It-tieni punt li trid tistħarreġ il-Qorti huwa taħt liema mis-subparagrafi tal-artikolu 413 l-Avukat Ġenerali seta’ jappella.

L-Avukat Ġenerali ma jespiċifikax xi sub-paragrafu minn dawk elenkati fl-artikolu li għalih saret referenza.

L-Avukat Ġenerali ssottometta li mill-provi li kien hemm ippreżentati, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellhom iwasslu għall-ħtija tal-imputati ‘l hemm minn kull dubjku dettat mir-raġuni. U filfatt jissottometti hekk:

*‘Hemmhekk hija kienet qed tapplika, tinterpreta u tenunċja prinċipju legali fis-sens li l-akkużi ma ġewx ippruvati sal-grad rikjest mil-Liġi. X’inhu dal-grad? Il-grad taċ-ċertezza morali. Iżda dan it-test, kieku kien legalment adoperat u implimentat għal dan il-każ minn dik l-Onorabbli Qorti, ma seta’ qatt legalment u raġjonevolment, jissarraf f’liberatorja – ħlief biss fil-każ fejn dik l-Onorabbli Qorti tkun użat il-kejl legali żbaljat – u cioe’ li tinterpreta l-pinċipju legali tal-grad tal-prova b’mod żbaljat.’*

Il-Qorti rat id-diversi sub-paragrafi taħt la-rtikolu 413(1)(b) tal-Kap 9:
(i) Deċiżjoni li l-Qorfti ma kellhiex ġurisdizzjoni – din ma tirriżultax;
(ii) Il-ħati kien suġġett għal piena ogħla minn dik li l-Qorti hija kompetenti li tagħti – ma tirriżultax ukoll;
(iii) Il-piena hija diffrenti fil-kwalita' jew fil-kwantita' minn dik li suppost ingħatat – ma tirriżultax;
(iv) is-sitwazzjonijiet konteplati fis-sub-inċiżi (v)(Vi)(vii) – dawn kollha ma jirriżultawx.

Jibqa' għalhekk l-artikolu 413(1)(b)(iv)(i) – l-enunċazzjoni ħażina tal-Liġi.
Dwar dan il-punt fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri mogħtija mill-Imħallef Dr Vincent DeGaetano 'Il-Pulizija versus Anthony Sammut' tat-18 ta' Ġunju 2001, il-Qorti kienet qalet hekk ( u haw nil-Qorti ser tikkowta in extensor):

***'Fl-udjenza tat-28 ta' Frar, 2001 l-appellat Sammut, permezz taddifensur***
***tieghu l-Avukat Dott. Toni Abela, issolleva l-eccezzjoni tan-nullita` tarrikors***
***ta' appell ta' l-Avukat Generali minhabba allegata non-osservanza ta'***
***termini; pero` din l-eccezzjoni giet in segwitu rtirata fl-udjenza tal-31 ta' Mejju,***
***2001.***

***L-appellant Avukat Generali jikkontendi li l-ewwel qorti, fis-sentenza***
***taghha, ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi in***
***tema tar-reat ta' ragion fattasi. Issa, kull ma qalet l-ewwel qorti fis-sentenza***
***taghha (wara li rrepetiet l-imputazzjoni u qalet li kienet semghet il-provi) kien***
***hekk:***
***"L-allegazzjoni tal-kwerelant hija li l-passagg kien pubbliku izda ma saret ebda prova***
***sodisfacenti li dan huwa prima facie l-istat ta' fatt.***

***“Ghaldaqstant ma ssibux hati u tilliberah.”;***

***Frankament din il-Qorti ma tara, f’dawn il-ftit kelmiet, ebda enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi kif qed jippretendi l-appellant Avukat Generali. Kullma qed tghid l-ewwel qorti huwa semplicement li dak allegat millkwerelant – li l-passagg in kwistjoni kien wiehed pubbliku – ma jirrisultax pruvat. Huwa veru li biex jikkonkorru l-estremi tar-reat ta’ ragion fattasi ma hux mehtieg li persuna tigi mfixkla fid-dritt ta’ passagg taghha minn passagg pubbliku; il-passagg jista’ jkun wiehed privat (fis-sens li ma hemmx liberu access ghall-pubbliku in generali) izda xorta wahda l-kwerelant ikun gie mfixkel fid-dritt tieghu ta’ passagg. Pero` jekk id-dritt ta’ passagg pretiz ikun qed jigi reklamat in forza tal-fatt li l-passagg huwa wiehed pubbliku (cioe` miftugh ghal kulhadd), in-nuqqas ta’ prova ta’ dan il-fatt tista’ legittimamanet twassal lill-ewwel qorti biex tillibera. Kif inhu risaput, biex l-Avukat Generali jkollu dritt ta’ appell skond id-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 413(1)(b)(iv)(i) tal-Kodici Kriminali, kif din id-disposizzjoni giet dejjem interpretata minn din il-Qorti, l-enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi – l-error juris – trid tirrizulta car mis-sentenza jew minn xi verbal registrat, u mhux tkun ibbazata fuq supposizzjonijiet jew konġetturi magħmula mill-Avukat Generali. Kif inhu risaput ukoll, in-nuqqas ta’ dritt ta’ appell ta’ l-Avukat Genetali huwa sollevabbli minn din il-Qorti ex officio; u din il-Qorti qeghda hekk tissolleva l-irritwalita`u l-konsegwenti nullita` tar-rikors ta’ appell odjern. Ma hemmx għalfejn, għalhekk, li din il-Qorti tidhol biex tezamina***

***id-deposizzjonijiet tat-tliet xhieda (Mario Muscat, ex-P.S. 48 Philip Cortis u l-appellant) mogħtija quddiemha.***
***Għall-motivi premessi, tiddikjara l-appell ta' l-Avukat Generali irritu u***
***null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.'***[2]

L-aktar punt importanti mis-silta t'hawn fuq huwa li l-enunċazzjoni ħażina tal-Liġi mill-Ewwel Onorabbli Qorti trid tirriżulta ċar is-sentenza jew xi verbal. Din il-Qorti tkompli żżid li m'hemmx għalfejn il-Qorti tikteb fis-sentenza 'Din hi l-interpetazzjoni tal-artikolu x jew y. Id-diċitura tas-sentenza xorta tista' twasslek għall-konklużjoni li l-Qorti tkun għamlet enunċazzjoni tal-Liġi – tajba jew ħażina.

Biss f'dan l-Appell l-Avukat Ġenerali qed jgħid li l-Ewwel Onorabbli Qorti enunċjat il-prinċipju li l-Prosekuzzjoni għandha d-dmir li tagħmel il-prova sal-grad ta' 'lhemm minn kull dubju raġonevoli' b'mod ħażin għaliex dan il-prinċipju l-Ewwel Onorabbli Qorti tfixklitu mal-grad taċ-ċertezza.

L-Avukat Ġenerali qed jgħid li l-provi kienu tant skjaċċjanti li l-Qorti kellha biżżejjed provi quddiemha li jissodisfaw il-kriterju ta' 'l hemm minn kull dubju raġonevoli. Allura, skont l-Avukat Ġenerali, bilfors l-Ewwel Qorti użat il-grad taċ-ċertezza.

Il-Qorti ma ssibx li s-sentenza tal-Qorti b'xi mod tagħmel xi enunċazzjoni ħażina tal-Liġi. Jista' l-Avukat Ġenerali ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti, imma biex jeradika l-appell tiegħu fuq is-subparagrafu 413(1)(b)(iv)(i) irid ikun hemm evidenza ċara fis-sentenza jew f'xi verbal li saret enunċazzjoni ħażina tal-Liġi.. Jekk wieħed jaċċetta l-argument tal-Avukat Ġenerali, allura jiġi li l-Avukat Ġenerali dejjem għandu dritt ta' appell għax ma jkunx qed jaqbel mad-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti għaliex fil-fehma tiegħu – jekk hemm biżżejjed provi –

[2] Ma jidhirx li l-fatti u l-prinċipji esposti fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Edward Cassar' (15 t'Ottubru 2010) huma applikabbli fiċ-ċirkostanzi tal-lum li huma għal kollox differenti. Fil-każ ta' llum lanqas biss hemm referenza għal xi punt ta' liġi.

allura hemm applikazzjoni ħażina tan-nozzjoni tal-grad ta' 'l hemm minn kull dubju raġonevoli kull darba li l-Ewwel Qorti tiddilibera. Jekk wieħed jaċċetta dan l-argument, l-artikolu 413(1)(b)(iv)(i) tal-Kap 9 jkun ġie superfluwu.

Għalhekk il-Qorti qed tiddikjara l-appell tal-Avukat Ġenerali rrit u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------